KUNSILL LOKALI

BORMLA
*Citta' Cospicua*

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65/2017

**2 ta' Marzu, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
Noyah Spiteri - Kunsilliera
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier

**SKUZATI :**

Roderick Mamo – Kunsillier

**ASSENTI:**

Ivan Agius – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli ppresjediet. Is-Sa. Zerafa Civelli tat rendikont tal-fatti relatati mal-vakanza ta' Kunsillier wara li l-Kunsillier elett Raymond Balzan, irrezenja mill-kariga

## 65.1 Post vakanti tal-Kunsillier elett Raymond Balzan

65.1.01 Is-Sa. Zerafa Civelli tat rendikont tal-fatti relatati mal-vakanza ta' Kunsillier wara li l-Kunsillier elett Raymond Balzan, irrezenja mill-kariga. Is-Sa. Zerafa Civelli mbaghad ghaddiet sabiex tinforma lill-Kunsill Lokali illi skond l-att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti u jaghzel kunsillier/a sabiex jimtela' l-post vakanti.

65.1.02 Segwiet diskussjoni libera li matulha gew mressqa diversi punti dwar il-kriterja li l-Kunsill Lokali kellu jadotta fl-ghazla tal-Kunsillier il-gdid. Is-Sur James Cauchi qal illi fl-opinjon tieghu, il-Kunsill Lokali kellu javvicina lill-kandidati kollha li kienu kkontestaw l-ahhar elezzjoni ghall-Kunsill Lokali fuq il-lokalita' ta' Bormla.

65.1.03 Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jsir kuntatt mal-kandidati kollha li kienu kkontestaw l-elezzjoni fuq il-lokalita' ta' Bormla u tittiehed decizjoni dwar il-materja f'seduta b'urgenza li gie deciz illi tinzamm aktar tard matul l-istess jum.

Il-laqgħa intemmet fis-6:45pm

Konfermati, illum 16 ta' Marzu, 2017.

*IFFIRMATA* *IFFIRMATA*

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv